MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2012

Rikors Numru. 366/2012

**AB**
**vs**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu fil-Knisja tal-Imdina fit-2 ta' Mejju 1982;
2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal X u J, illum maggorenni, fil-fatt X 25 sena u J 23 sena;
3. Illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' separazzjoni bonarja fl-atti tan-Nutar Dr Elsa Debono fis-16 ta' Gunju 2005, kuntratt hawn anness u mmarkat bhala Dok FG;
4. Illi ai termini tal-klawsoli numri tnejn u sitta tal-kuntratt tas-separazzjoni, il-partijiet kienu iddekadu

reciprokament mid-dritt li jitolbu jew jircievu manteniment stante li t-tnejn jahdmu, u r-ragel kien obbliga ruhu li jhallas is-somma ta’ tmenin lira Maltin fix-xahar unikament ghat-tifla Jeanelle, liema manteniment dejjem thallas regolarment permezz ta’ standing order, stante li fid-data tal-kuntratt it-tifla l-ohra Vanessa kienet diga maggorenni;
5. Illi l-partijiet ghalhekk ilhom separati legalment ghal seba’ snin;
6. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
7. Illi r-rikorrenti jsostni ghalhekk bir-rispett kollu li z-zwieg tieghu ghandu jigi ddikjarat mahlul u dan ai termini tal-Artiklu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara li z-zwieg bejn Francis Gladwish u Jacqueline Gladwish illum kunjomha Beeston ai termini tal-kuntratt tas-separazzjoni klawsola numru 14, iccelebrat fit-2 ta’ Mejju 1982 mahlul;
2. Tordna li l-hall ta’ dan iz-zwieg jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha ma opponietx ghat-talbiet rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta’ Lulju, 2011;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-16 ta’ Gunju 2005 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda manteniment dovut;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tiddikjara il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------